**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Kitanchev Blagoy Zhorov**

**Polihronov Spas Georgiev**

**Kumpilazzjoni 566/2017**

**Illum 22 ta' Novembru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Kitanchev Blagoy Zhorov** detentur tal-karta tal-identita Bulgara bin-numru 645791809 u **Polihronov Spas Georgiev** detentur tal-karta tal-identita Bulgara bin-numru 644050427 billi huma akkuzati talli fis-16 ta' Dicmebru 2017 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer kif ukoll barra dawn il-Gzejjer,

b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Appartjenew ghall-ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cikustanzi, f'Malta assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-istampa;

Kitanchev Blagoy Zhorov akkuzat wahdu talli fis-16 ta' Dicembru 2017 u fil-granet u x-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer kif ukoll barra minn dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

3. Instab fil-pussess ta' jew kellu taht il-kontroll tieghu xi oggetti ghall-uzu fit-twettieq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 209*) datata 21 ta' Frar 2019 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

Fil-konfront ta' Kitanchev Blagoy Zhorov u Polihronov Spas Georgiev flimkien:

- Fl-artikoli 18, 31, 83A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghall-artikolu 83A (1) u l-artikolu 83A (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 31, 48A (1) (2) (3) (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 7, 8, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23, 23A, 23B, 23C, 23D u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Kitanchev Blagoy Zhorov wahdu:

- Fl-artikoli 18, 31, 23, 23A, 23B, 23C, 23D u 310BA (1) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tal-4 ta' Lulju 2019 (*a fol. 264)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-21 ta' Frar 2019, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*Prosekuzzjoni* pprezenta fl-20 ta' Settembru 2019 (*a fol.* 292 et *seq.*) u n-Nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati kienet prezentata fit-8 ta' Ottubru 2019 (*a fol.* 302 et *seq.*).

**IL-FATTI SPECIE TAL-KAZ**

Fl-14 ta' Diċembru 2017, il-pulizija Maltija rċeviet informazzjoni mill-Awtoritajiet Bulgari li Blagoy Zhorov Kitanchev u Spas Georgiev Polihinorov, magħrufa mal-pulizija, huma responsabbli għal diversi *ATM skimming attacks* sew fil-Bulgarija kif ukoll f'pajjiżi oħra. Illi dawn kienu ġew arrestati l-Vietnam fl-2013 u li jinsabu fi triqithom lejn Malta fuq titjira W64365 mal-linja tal-ajru *Wizz Air*, b'suspett li se jaqbdu l-Katamaran għal Sqallija u jwettqu *skimming attacks* f'Napli.

L-Ispettur Matthew Vella fi ħdan it-Taqsima kontra r-Reati Ekonomiċi inkarigat li jinvestiga dan il-każ, stabilixxa li dawn iż-żewġ persuni kienu verament daħlu Malta fit-12 ta' Diċembru 2017 u li kellhom biljett tar-ritorn fis-16 ta' Diċembru 2017 mal-*Wizz Air*, għal liema titjira diġa' kienu għamlu *online checkin*, u ġew allokati s-*seats* 31B u 31C. Ma nstabx li kien hemm xiri ta' biljetti għall-Katamaran, b'hekk tnissel is-suspett li setgħu kienu qegħdin iwettqu xi attakki f'Malta.

L-imputati kienu qed jirrisjedu f'kamra 309 fi Dragonara Appartment, Dragonara Road, San Ġiljan, li kienet kamra bbukkjata fuq Spas Georgiev Polihinorov, għall-perjodu kollu li kellhom iqattgħu Malta.

Fis-16 ta' Diċembru 2017 għall-ħabta tas-sitta u kwart ta' filgħodu l-pulizija arrestat liż-żewġ persuni mill-indirizz imsemmi. Immedjatament huma ġew mifrudin, mogħtija d-drittijiet tagħhom skont il-liġi, u wara li ġie identifikat liema oġġetti huma ta' min, saritilhom tfittxija fil-preżenza tagħhom.

Fil-bagalja ta' Blagoy Zhorov Kitanchev instabu żewġ ħadidiet li ġew assoċċjati ma' għodda li wieħed juża biex ikun jista' idaħħal *deep insert skimmers* moħbi ġo *card reader* tal-ATM, u jerga' joħroġ l-istess *skimmer* 'il barra, wara li l-proċess ta' ikkuppjar ta' *data* ikun seħħ. Filwaqt li fil-bagalja ta' Spas Georgiev Polihinorov instab *laptop, external hard disk* u xi *pendrives.*

Waqt l-interrogatorju, li sar bl-għajnuna tal-interpretu Valcher Valcho Stoychev u wara li huma rrifjutaw li jirrikorru għal xi tip ta' assistenza legali, it-tnejn li huma nnegaw li kellhom involviment f'xi reat kriminali. Blagoy Zhorov Kitanchev stqarr li l-ħadidiet li ġew elevati m'humiex tiegħu, imma ta' ħabib tiegħu li kien selliflu l-bagalja biex isiefer biha. Huwa ċaħad li uża dawn il-ħadidiet. Spas Georgiev Polihinorov jgħid li huwa ġie Malta biex jiċċelebra għeluq sninu ma' ħabib tiegħu u ċaħad li hu kien arrestat fil-Vietnam b'relazzjoni ma' *skimming*.

**KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI**

Kif din il-Qorti kellha opportunita li tosserva f'diversi pronuncjamenti taghha, huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**,[1] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni **hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju** (Enfazi ta' din il-Qorti) Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension:** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*[2]

---

[1] Deciza fil-5 ta' Dicembru 1997

[2] 1974 - ALL Er 372

**Il-Prova Cirkustanzjali**

Kif kellha l-opportunita din il-Qorti tesprimi kemm -il darba l-piz tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hija l-Prosekuzzjoni li trid iggib l-ahjar prova – precizament prova lil hinn minn kull dubju dettat bir-raguni – sabiex l-istess Prosekuzzjoni issostni u tirnexxi fil-kaz taghha. L-imputat m'huwa tenut jipprova xejn.

Hafna drabi ma jkunx possibbli li jingabu provi diretti tal-akkadut. In-nuqqas ta' tali provi pero m'ghandux necessarjament iwassal ghal liberatorja tal-imputat. Il-Qorti xorta tista' tistrieh fuq provi li jkunu cirkustanzjali ghall-sejbien ta' htija basta li l-istess provi cirkustanzjali jkunu jippuntaw lejn konkluzjoni wahda.

Lord Hewart C.J. fil-kaz **Taylor, Weaver and Donovan** jiddefinixxi l-provi cirkustanzjali bhala: *"evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*[3] Hafna drabi l-provi cirkustanzjali jkunu l-ahjar prova li wiehed jista' jottjeni ghaliex il-kriminal li jkun irid iwettaq delitt se jara biex kemm jista' jkun jevita li jkun hemm provi diretti u cari tal-agir tieghu. Ghalhekk kif jghid l-istess Lord Hewart fil-kaz sucitat *"It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial."*

Huwa *sina qua non* (u dan tenut kont wkoll tan-natura ta' tali prova) li tali prova cirkustanzjali trid tigi ezaminata u miflija bir-reqqa biex wiehed

[3] 21, Cr. App.R.20, CCA at 21

ikun jista' jistrieh fuqha ghal sejbien ta' htija. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza fil-5 ta' Lulju 2002

> *"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita taghha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Huwa ghalhekk li Lord Normand fil-kaz **Teper v. R** jikkumenta b'rabta mal-prova cirkustanzjali li: *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another . . . . It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*[4]

**XHIEDA**

F'dan il-process xehdu sbatax (17) –il xhud kif gej ;

Spettur Matthew Vella (*a fol* 15 et. seq.); PC 724 Marco Pisani (*a fol* 44 et. seq.); PS 226 Stefan Decelis (*a fol* 51 et. seq.); Samuel Farrugia (*a fol* 53 et.

[4] [1952] A.C. 480, PC at 489

seq.); Joseph Bugeja (*a fol* 73 et. seq.); Louis Tabone (*a fol* 77 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 89 et. seq.); PS 856 Conrad Falzon (*a fol* 111 et. seq.); Spettur Matthew Vella (*a fol* 114 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 125 et. seq.); Stefan Konchev (*a fol* 134 et. seq.); Dr. Marisa Mifsud (*a fol* 143 et. seq.); Spettur Fabian Fleri (*a fol* 153 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 211 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 265 et. seq.); Stefan Konchev (*a fol* 271 et. seq.); Samuel Farrugia (*a fol* 284 et. seq.).

## L-ilment dwar id-dritt tal-interpretu

**I**d-dritt ta' interpretu huwa sancit kemm mill-Kostituzzjoni[5] kif ukoll mill-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali[6]. Fis-sentenza fl-ismijiet **Hermi v. Italy** moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-18 ta' Ottubru 2006 intqal, *inter alia*:

> **"71. The Court has held that, in the context of application of paragraph 3 (e), the issue of the defendant's linguistic knowledge is vital and that it must also examine the nature of the offence with which the defendant is charged and any communications addressed to him by the domestic authorities, in order to assess whether they are sufficiently complex to**

[5] Artikolu 39(6)(e): **"Kull min ikun akkużat b'reat kriminali – (e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża".**

[6] Artikolu 6(3)(e): **"Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin – (e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa uzata fil-qorti."**

**require a detailed knowledge of the language used in court (see, *mutatis mutandis*, *Güngör*, cited above).**

**"72. Lastly, while it is true that the conduct of the defence is essentially a matter between the defendant and his counsel, whether counsel be appointed under a legal aid scheme or be privately financed (see *Kamasinski*, cited above, pp. 32-33, § 65, and *Stanford v. the United Kingdom*, judgment of 23 February 1994, Series A no. 282-A, p. 11, § 28), the ultimate guardians of the fairness of the proceedings – encompassing, among other aspects, the possible absence of translation or interpretation for a non-national defendant – are the domestic courts (see *Cuscani v. the United Kingdom*, no. 32771/96, § 39, 24 September 2002)."**

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati huma ta' nazzjonalita` Bulgara u gew arrestati minn gewwa Dragonara Appartments fejn kienu qeghdin jirrisjedu fis-16 ta' Dicembru 2017 u nterrogati mill-Pulizija dakinnhar stess. Huma kellhom lill-interpretu Valchev Valcho Stoychev mill-bidu nett qabel ittiehdu l-istqarrijiet (*fol* 29 *et seq* u *fol* 38 *et seq*). Qabel ma ghamlu l-istqarrija taghhom lill-Pulizija, huma nghataw id-dritt ghall-parir legali a tenur tal-artikolu 355AT tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huma dan id-dritt ma haduhx. Huma lanqas hadu d-dritt li jkellmu l-Konslu jew Ambaxxatur tal-Bulgarija u dan ukoll bl-interpretu jassistihom (*fol* 28 u *fol* 37).

Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax wkoll li l-fatt li kellhom dritt ghall-assistenza legali mill-bidu nett fil-prezenza tal-interpretu jfisser illi l-imputati tilfu c-cans li barra l-informazzjoni li tawhom il-pulizija kien

ikollhom persuna ohra, avukat jew rapprezentant ta' pajjizhom li setghet tinfurmhom bid-drittijiet kollha taghhom u kif setghu jasserixxu dawk id-drittijiet. F'dawn ic-cirkostanzi kollha din il-Qorti tiskanta kif l-imputati qeghdin jilmentaw dwar problema ta' komunikazzjoni mal-pulizija *"la jifhmu l-lingwa Maltijja u wisq inqas il-lingwa Ingliza, u m'hemm l-ebda indikazzjoni li kien hemm xi interpretu prezenti fil-hin tal-arrest, u konsegwentament id-drittijiet li allegatament il-Pulizija tat lill-imputati kienu ineffettivi stante li gew moghtija f'lingwa li hija estranja ghall-imputati"*

**Ix-xhieda tal-espert tekniku Samuel Farrugia**

L-espert tekniku **Samuel Farrugia** fir-rapport[7] tiegħu kkonkluda:

- **"Illi l-qisien tal-esebiti jikkonċidi mal-wisa' ta' ATM card. U li l-qisien tagħhom jippermettu li jidħlu ġewwa il-*card reader* ta' ATM;**
- **Illi b'permezz ta' ATM card, l-esebiti għandhom il-kapaċita' li jidħlu fil-*card reader*;**
- **Illi l-esebiti għandhom il-kapaċita' li jidħlu ġewwa il-*card reader* u li kapaċi jmexxu oġġetti ġewwa l-*card reader*. U li kwalunkwe oġġett ieħor bl-istess parametri tal-qisien tal-*card reader*, jkun jista' jiġi inbuttat ġewwa il-*card reader*. U potenzjalment anki jinħareġ mill-istess *card reader*."[8]**

[7] DOK SF1 – fol 56 -72
[8] A fol 72

Id-difiza ghamlet dawn is-sottomissjonijiet fuq il-konkluzzjonijiet tal-espert Samuel Farrugia:

> Illi fil-kontro-ezami tal-espert tekniku Samuel Farrugia maghmul fi tmienja (8) t'Awwissu elfejn u dsatax (2019), fix-xhieda tieghu ghall-mistoqsijiet tad-difiza qal hekk:-
>
> *Avukat Difensur:*
>
> *Sur Farrugia, il-hadid li ezaminajt u li nstabu f'wahda mill-bagalji huma hadid li normalment jitqiesu bhala skimmers?*
>
> *Ix-xhud:*
>
> *Ma kellix informazzjoni bizzejjed biex niggudikaha dik,* ***<u>Pero ma' nahsibx.</u>*** ***[Enfazi Mizjud]***
>
> *Avukat Difensur:*
>
> *Mill-esperjenza tieghek li ezaminajt , generalment ikunu hekk jew le ?*
>
> *Ix-xhud:*
>
> ***<u>Le, mill-esperjenza tieghi bhala skimmers ma jkunux hekk, l-iskimmers ikunu gewwa u jkunu size; li sibt jien dak il-hadid kien pjuttost twil. Jigifieri mhux ha joqghod go card reader, qed tifhem?</u>*** ***[Emfazi Mizjud]***
>
> *Avukat Difensur:*
>
> *Biex niftehmu sew, it-tip ta' ghodda li int ezaminajt ma tissejahx tradizzjonalment skimmer*
>
> *Ix-xhud:*
>
> *Ma nistax nghid li jissejjah"*

Illi mix-xhieda tal-espert tekniku, huwa ovvju u car li l-konkluzjonijiet li ghamlet il-Prosekuzzjoni, u cioe' li z-zewg hadidiet li gew misjuba kienu assocjati ma' ghodda li wiehed juza biex ikun jista' jiddahhal deep insert skimmers mohbi go card reader tal-ATM, u jerga johrog l-istess skimmer 'il barra, wara li l-process ta' ikkupjar ta'

data ikun sehh, huma konkluzjonijiet mhux minnhom u li qatt ma setghet tasal ghalihom il-Prosekuzzjoni li m'ghandhiex l-ghajn u l-konoxxenza esperta tal-espert tekniku Samuel Farrugia li qed jikkontradixxi ghal kollox dak li qalet il-prosekuzzjoni;

Illi fix-xhieda tieghu l-espert tekniku jkompli jghid li kif jidhru minn barra dawn il-hadidiet ma kellhom l-ebda funzjoni partikolari li jidhru li huma skimmers;

Illi a Fol. 2 tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Samuel Farrugia:

*Avukat Difensur :*

*Int ezaminajt il-qisien , jigifieri mhux ghax dawn il-hadid kellhom, kienu jidhru minn barra xi funzjoni partikolari ta' skimmer.*

*Ix-xhud:*

*Ma nistax nirrelata, le. Ma stajtx nirrelata tipo li mill-esperjenza tieghi tipo rajt li kellhom  x'jaqsmu*

*Avukat Difensur:*

*Pero mhumiex tradizzjonalment skimmers*

*Ix-xhud:*

*Pero le mhumiex"*

Illi x-xhud Samuel Farrugia fix-xhieda tieghu jaccenna wkoll ghal affarijiet li nstabu u li lanqas hu bl-ghajn esperta tieghu ma seta' jikkonkludi li dawn kienu qed jintuzaw bhala parti mill-apparat ta' skimming. F'Fol.2 ta' traskrizzjoni tax-xhieda tieghu, l-espert jghid *"ma stajtx niddetermina'* meta gie mistoqsi x'uzu kellhom il-kalamiti li nstabu flimkien mal-hadid.

Illi bl-istess mod f'Fol. 3, jghid li fl-ewwel tentattiv li ghamel biex jipprova il-hadid li nstab, is-shutter tal-card reader ma nfetahx, dan ghax ma kellix magnetic stripe:

*Avukat Difensur:*

*Jigifieri magnetic stripe li hija essenzjali ghall-iskimmer tradizzjonali, ma kinitx prezenti*

*Xhud:*

*Fuq il-hadid le*

Illi sussegwentament is-shutter tal-card reader infetah biss, meta gew impoggijin il-magnetic stripes u card bankarja li hija test card li ma nstabux fl-ebda wahda mill-bagalji li kienu qeghdin fuq l-akkuzati. Dan iwassal ghall-konkluzjonijiet cari li l-apparat kif instab (a) mhuwiex ikkunsidrat li hu tradizzjonalment skimmer, (b) qatt ma seta jithaddem bhala skimmer bl-ghodda li nstabet;

Illi x-xhud fir-rapport tieghu jghid *'illi l-hadid li nstab fil-bagalja tal-esponenti; wiehed ma jeskludix il-**potenzjal** illi dawn l-istess gargi jista' jkollhom uzu sabiex immexxu l-oggetti 'il barra mill-card reader;'*

Illi fil-kontro-ezami, l-espert tekniku meta mistoqsi jekk dawn il-hadidiet ma jistax ikollhom potenzjal iehor, qal li ***hemm naqra grey area*** hemmhekk;

Illi l-espert innifsu li qed jistabilixxi li hemm dubbji sostanzjali dwar jekk dawn il-hadid verament humiex skimmer sbilli qal li hemm *grey area*.

Illi din il-*grey area* twassal biex hemm dubju sostanzjali fuq kemm l-akkuzati seta' kellhom f'mohhom li jwettqu xi reat, jekk l-anqas biss hemm certezza fil-livell rikjest mil-ligi fi proceduri kriminali, li kellhom l-apparat biex iwettqu dan ir-reat. Ghalhekk stante li l-espert innifsu qal li hemm grey area, *in dubio pro reo*;

Illi fuq kollox l-espert tekniku jghid ukoll f'Fol. 5 u f'Fol 6. tat-traskrizzjoni li mill-eżaminazzjonijiet tiegħu l-anqas jista jghid jekk dawn il-hadidiet qattx intuzaw;

**<u>Xhieda tal-espert tekniku Dr. Martin Bajada</u>**

L-espert tekniku **<u>Dr Martin Bajada</u>** fir-rapport[9] tiegħu kkonkluda hekk:

**"..għalkemm tidher li ma hemm l-ebda data relevanti mal-każ *data recover* tindika li hemm mijiet ta' files b'total ta' circa 1,2 TB**

[9] DOK MB1 – fol 91-110

**li jistgħu jigi rkuprati fosthom mill-ewwel analiżi diversi *video clips* ta' *ATMs* possibilment *ATM Skimming* ..."**[10]

L-inkarigu ta' Dr. Martin Bajada kien ġie estiż sabiex jiġu rkuprati d-*deleted files* relatati ma' *ATMs skimming;*

Fit-tieni rapport[11] ta' Dr. Martin Bajada kkonkluda li:

**"..inventarji tar-*recovered files* konnessi ma' *ATM Skimming* jinsabu annessi bħala DOK MB2, flimkien ma' kopji ta' dawn ir-*recovered files*, fejn jirrizulta disgħa u ħamsin (59) *video clips* ta' circa nofs siegħa kull *clip*, ta' *ATM Skimming*, datati bejn il-31 ta' Diċembru, 2008 u 1 ta' Jannar, 2009."**[12]

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet issostni li**:** *Illi b'kull dovut rispett il-video clips li l-espert tekniku Dr. Martin Bajada rkupra mill-external hard drive tal-esponenti jmorru lura ghal il'fuq minn ghaxar (10) snin ilu, u mix-xhieda ta' Martin Bajada jirrizulta li l-espert ma setghax korrettament jidentifika f'liema pajjiz ittiehdu dawn il-video clips. Izda, huwa kien cert li ma ttiehdux Malta stante li fil-background tal-video clips ix-xenarju ma' kienx wiehed assocjat ma' Malta.*

[10] A fol 95
[11] DOK XMB1 – fol 127-133
[12] a fol 130

**L-Ispettur Fabian Fleri**[13] eżebixxa żewġ dokumenti tal-EUROPOL bl-informazzjoni inizjali li waslet mill-Bulgarija, bħala DOK1A (fol 155-156).

Il-fedina penali ta' Spas, maħruġa mill-Awtoritajiet Bulgari turi li f'Novembru ta' 1998, Spas kien instab ħati u ġie ikkundannat għal reat ta' serq, u dan jirriżulta mill-Fedina Penali tradotta.[14]

Fl-istqarrija ta' Blagoy, jikkonferma li kien il-ħabs fil-Vietnam u li hemm ġew stabilixxa kuntatt ma' ċertu Christian Krastev, li huwa kien jiskonta sentenza relatata ma' *ATM skimming*.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

### Il-kongura (Artikolu 83A) tal-Kodici Kriminali.

Il-Ligi fl-artikolu 83A titkellem dwar l-assocjazzjoni ta' tnejn jew aktar nies ghall-fini ta' kummissjoni ta' reat. Illi dan id-delitt tal-kongura gie ppromulgat fil-Ligi penali taghna permezz tal-Att numru III ta' l-2002. L-ghan ta' dina id-disposizzjoni tal-Ligi kien illi tissahhah il-glieda kontra l-kriminalita' organizzata.

Ir-reat kontemplat fl-artikolu 83A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa li kienu "jappartjenu" għal "għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar" (*associazione per delinquere*).

---

[13] a fol 153-154
[14] *a fol* 147

Tajjeb li ssir referenza għall-kliem testwali ta' l-ewwel żewġ subartikoli ta' l-artikolu 83A:

> **"(1) Kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar, jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlieta sa seba' snin.**
>
> **(2) Kull min ikun jappartjeni għal għaqda msemmija fis-subartikolu (1) jista' għal dak il-fatt biss jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa ħames snin."**

Evidentement japplikaw ir-regoli ġurisdizzjonali kontenuti fl-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali. Mill-provi jidher li l-għaqda twaqqfet barra minn Malta u għalhekk irid ikun ippruvat li l-imputati kienu jappartjenu għal dik l-għaqda li twaqqfet barra minn Malta. Issa, is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 83A jipprovdi: **"L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista' ssir f'Malta minkejja li l-għaqda ta' persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta."** B'dan is-subartikolu, il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin qed tiġi estiża għal tali għaqda mwaqqfa Malta li jkollha bażi jew li tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta. Dan is-subartikolu ma japplikax bil-kontra.

L-Artikolu 83A(1) ma jispecifikax x'ghandha tkun in-natura tar-reati kriminali li l-ghaqda ta' zewg persuni jew aktar jiftehmu dwarhom izda

jghid biss li dawn ir-reati kriminali ghandhom ikollhom piena ta' erba' snin prigunerija jew aktar. L-elementi kollha rikjesti mill-Ligi sabiex jitqies li jissussisti dan ir-reat huma (1) ftehim car, (2) bejn aktar minn persuna wahda, (3) dwar delitt li jikomporta piena ta' erba' snin jew aktar u (4) l-modalita.

**<u>Assocjazzjoni (artikolu 48A tal-Kap. 9)</u>**

L-artikolu 48A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> **"48A. (1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.**
>
> **"(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.**
>
> **"(3) Kull min jinsab ħati ta' assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu jista' jeħel il-piena għal delitt ikkunsmat li jkun l-għan ta' l-assoċjazzjoni, mnaqqsa b'żewġ gradi jew tlieta.**
>
> **"(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tiġi stabbilita l-piena għar-reat sħiħ li jkun l-għan ta' l-assoċjazzjoni,**

**għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jaggravaw dak ir-reat."**

Jiġi fl-ewwel lok osservat illi sabiex jiġi applikat l-imsemmi artikolu 48A, irid jiġi determinat liem'hu r-reat li tiegħu l-prosekuzzjoni tkun qed tallega li tiegħu l-assoċjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Għalhekk ir-reat ta' assoċjazzjoni jrid jiġi abbinat ma' tali reat. Inoltre almenu wieħed mill-assoċjati jrid ikun f'Malta.

L-assoċjazzjoni saret barra minn Malta u f'Malta. Kif tgħid il-liġi stess, l-assoċjazzjoni tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn l-assoċjati. Miċ-ċirkostanzi tal-każ jidher illi tali pjan tfassal barra minn Malta u kompla f'Malta. L-imputati ġew Malta sabiex iwettqu dak il-ftehim u esegwixxewh f'Malta.[15]

**<u>Artikolu 310BA(1)</u>**

Kitanchev Blagoy Zhorov wahdu jinsab mixli bir-reat previst permezz tal-Artikou 310BA(1) tal-Kodici Kriminali fejn instab "*fil-pussess ta' jew kellu taht il-kontroll tieghu xi oggetti ghall-uzu fit-twettieq jew f'konnessjoni ma' xi frodi*".

[15] Kliem l-artikolu 48A huwa differenti minn dak fl-artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta: "Kull min: (f) <u>jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta</u> sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni, ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza."

Artikou 310BA(1) jipprovdi:

***310BA.(1) Kull jinstab fil-pussess ta' jew ikollu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f 'konnessjoni ma' xi frodi, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa tliet snin u l-konfiska ta' dawk l-oġġetti.***

*(2) Kull minn jagħmel, jaddatta, jipprovdi jew joffri li jipprovdi xi oġġett -*

*(a) meta jkun jaf li dak l-oġġett huwa intiż jew adattat biex jintuża fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ma' frodi,*

*jew*

*(b) bl-intenzjoni li jintuża biex titwettaq frodi jew jassisti fl-għemil ta' frodi,*

*ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn tnax-il xahar sa ħames snin u l-konfiska ta' dawk l-oġġetti.*

*(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:*

*"oġġett" jinkludi kull dokument, programm jew data miżmuma b'mod elettroniku; u*

*"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 558(2).*

**KONKLUZZJONIJIET TAL-QORTI**

Jirrizulta li ż-żewġ imputati ftehmu li jiġu Malta, iżda meta waqt l-interrogatorju ġew mistoqsija r-raġuni għalfejn ġew Malta, ir-risposta tagħhom ma qablitx. Filwaqt li l-imputat Spas jgħid li ġie Malta biex jiċċelebra għeluq sninu, l-imputat Blagoy jgħid li ddeċieda li jżur Malta għax sab *cheap deal* u fl-ebda ħin ma ssemmiet iċ-ċelebrazzjoni ta' sieħbu.

Fl-istqarrija ta' Blagoy, huwa jikkonferma li kien il-ħabs fil-Vietnam u li hemm ġew stabilixxa kuntatt ma' ċertu Christian Krastev, li kien qieghed jiskonta sentenza proprju relatata ma' *ATM skimming*.

Fil-pussess ta' Blagoy instabu żewġ ħadidiet, li għalkemm huwa fl-istqarrija jgħid li dawn m'humiex tiegħu, il-prova a tempo vergine, li teżisti fl-atti, hija li huwa ffirma l-irċevuta li ħarġet il-pulizija għal ħadidiet, u li dan għamlu mingħajr ma huwa sab ebda problema. Jirrizulta li fil-mument li kienet ser issirlu t-tfittxija huwa kien indika lil pulizija liema huma l-oġġetti li jappartjenu lilu, u fostom kienu instabu dawn il-ħadidiet.

L-espert tekniku jispjega fid-dettall, x'inhuwa l-użu li dawn il-ħadidiet għandhom in relazzjoni ma' *ATM*, fejn in kontro-eżami jkompli jispjega l-użu tekniku:

> ***"...il-card setgħet tiġi mbuttata biha.***

***...Biex tidħol ġo card reader, int l-importanti jkollok magnatic stripe.***

***...Bażikament ma kienx hemm magnetic stripe mal-ħadid, allura ma jiftaħlekx ix-shutter. Pero' jekk inti twaħħal magnetic stripe jew inkella titfa' magnetic stripe fuqha tipo mbagħad tiftaħ...***

***...Meta tpoġġiet il-card, ix-shutter infetaħ u stajt bil-ħadid stajt nimbotta l-card ġol-card reader."[16]***

Fi kontro-eżami, Samuel Farrugia[17] jkompli jispjega li l-garġi li hemm fuq il-ħadidiet għandhom il-potenzjal biex idaħħlu u jmexxu 'l ġewwa. Dan l-eżerċizzju u l-ispjega li ta s-Sur Farrugia jipprova l-użu partikolari li għandhom dawn l-eżebiti, u cioe', biex wieħed jaċċessa l-*card reader* tal-*ATM*. Illi allura dawn il-ħadidiet ma jindikaw xejn aktar ħlief li l-intenzjoni li l-persuna jkollha meta tinstab li tkun fil-pussess tagħhom hija li tiffroda l-vittmi li qabel ikunu nsterqulhom id-dettalji tal-*card* tagħhom permezz ta' *skimming*.

Ir-rapporti li ħejja l-espert tekniku Dr. Martin Bajada jindikaw li fl-inkarigu lilu moghti sab ammont konsiderevoli ta' filmati li juru serq ta' informazzjoni u *pin codes* ta' *cards* ta' bank ta' diversi klijenti, li jidhru li qed jaċċessaw il-kontijiet tagħhom mill-*ATM*.

Għalkemm din id-*data* jidher li nsterqet fi żminijiet differenti minn dak tal-akkuża, il-pussess u l-użu tagħhom xorta waħda jista' jġib dannu lill-vittmi tal-filmat, anke jekk dan iseħħ snin wara. Dan jista' jingħad għaliex

---

[16] a fol 285-286
[17] a fol 288

jekk wieħed jibqa' ma jindunax li d-*data* tal-*card* tal-bank tiegħu ġiet imminata, dik l-istess *data* tista' tibqa' tiġi użata **b'qerq** kull żmien wara.

Dawn il-filmati instabu *f'external hard drive* ta' Spas, li għaliha l-imputat Spas ukoll iffirma rċevuta li tifforma parti mill-atti.

Spas meta kien interogatat jgħid li huwa qatt ma kien ġie arrestat jew investigat mill-pulizija, ħlief għall-okkażżjoni waħda meta kien fit-Tajwan u l-pulizija kienet waqqfitu minħabba inċident tat-traffiku[18]. Fil-fedina penali[19] ta' Spas, maħruġa mill-Awtoritajiet Bulgari tikkonferma li f'Novembru ta' 1998, huwa kien instab ħati u ġie ikkundannat għal reat ta' serq, u dan jirriżulta.

Il-Qorti mhix temmen il-verżjoni fejn Spas stqarr li huwa ġie Malta biex jiċċelebra għeluq sninu.

Gie ppruvat li fil-pussess tiegħu Spas kellu oġġett misruq u illegali, u li seta' jagħmel użu minnu għad-detriment ta' mhux inqas minn disgħa u ħamsin vittma li tagħhom huwa kellu l-informazzjoni tal-*cards* bankarji tagħhom.

Il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputati jappartjenu lill-għaqda ta' kriminalita' organizzata, u li l-iskop taż-żjara tagħhom f'Malta ma kienetx sabiex jagħmlu vaganza u jiċċelebraw, iżda kienet miftiehma sabiex finalment iwettqu frodi għad-detriment ta' diversi vittmi u kien bl-

[18] a fol 41
[19] Fedina Penali tradotta a fol 147

intervent tal-pulizija bil-koperazzjoni mal-kollegi taghhom barranin li hadd f'pajjizna sa kemm hu maghruf ma spicca vittma tal-imputati.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara li rat artikoli 18, 31, 23, 23A, 23B, 23C, 23D, 83A (1)(2)(5), 48A (1) (2) (3) (4) u 310BA (1) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannha lil **Kitanchev Blagoy Zhorov** ghal **sitt snin prigunerija** u lil **Polihronov Spas Georgiev** ghal **hames snin prigunerija**.

Stante illi l-imputati nstabu hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontihom, il-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri u tikkundanna lil Kitanchev Blagoy Zhorov u Polihronov Spas Georgiev biex ihallsu tliet elef, mija u wahda ewro u wiehed u disghin centezmu (**€3,101.91**)[20] nofs bin-nofs u dan fi zmien sitt xhur millum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

---

[20] **DRITTIJIET ESPERTI TOTAL - €3,101.91** maqsuma kif gej: Samuel Farrugia (fol 56 et. seq.) - €432.70; Dr. Martin Bajada (fol. 89 et. seq.) - €1,180.00; Dr. Martin Bajada (fol. 125 et. seq.) - €690.01; Stefan Konchev (fol. 134 et. seq.) - €46.28; Dr. Marisa Mifsud (fol. 143 et. seq.) - €51.47; Dr. Martin Bajada (fol. 211 et. seq.) - €531.00; Stefan Konchev (fol. 271 et. seq.) - €170.45.